MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 2620/1996/1

**Antonia Bonanno u Vince Bonanno**
**u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2006**
**stante l-mewt ta' Antonia Bonanno l-atti gew trasfuzi**
**f'isem il-werrieta il-Professur Nicholas Bonanno,**
**Salvina Bonanno u Maria Carmela Bonanno**
**u l-istess Vince Bonanno**

**v.**

**Saviour Borg**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-konvenut beda jibni bla permess mill-awtoritajiet kompetenti, hajt divizorju bejn l-ghalqa maghrufa bhala Ta' Bellu, limiti tas-Siggiewi u l-ghalqa ta' l-atturi fl-istess kontrada li minnha l-atturi ghandhom access ta' passagg kif kostitwit b'kuntratt publiku tat-tnejn (2) ta' Mejju, elf disa mija u tnejn u tletin (1932) publikat minn Nutar Salvatore Borg li jinsab anness fl-atti tal-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96;  illi bl-istess xogholijiet il-konvenut b'kanal li haffer b'mod abuziv, ostakola dan id-dritt ta' passagg ta' l-atturi u li kieku baqa' sejjer b'dawn ix-xogholijiet il-konvenut kien jaghlaq kompletament dan il-passagg imsemmi;  illi l-atturi talbu lil dik il-Qorti il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96 fejn l-istess Qorti wara illi ezaminat il-fatti u d-dokumenti qablet illi jidher illi 'hemm qbiel [*sic*] li r-rikorrenti (l-atturi) ghandhom l-jedd minnu [*sic*] vantat' u laqghet it-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni; talbu ghaliex dik il-Qorti ma ghandhiex:  (1)  tikkonferma u tawtorizza u tissana dawn id-drittijiet kif milquha (*sic*) min dik il-Qorti fl-14 ta' Awissu 1996 wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96 fl-ismijiet *Antonia Bonanno u Vince Bonanno v. Saviour Borg*;  bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96 u li bil-prezenti jibqa' ghas-subizzjoni (*sic*);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur Vince Bonanno u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
Illi m'hemmx lok li dik il-Qorti tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96 fl-ismijiet *Antonia Bonanno u Vince Bonanno v. Saviour Borg* peress li d-dritt ta' passagg bir-rigel fuq l-ghalqa in kwistjoni ma huwa bl-ebda mod ostakolat mill-eccipjenti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fil-hamsa (5) ta’ Frar, 2001 (fol. 133) illi permezz tieghu talab illi jigi awtorizzat jipprezenta in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri annessa ma’ l-istess rikors;

Rat ir-risposta ta’ l-atturi ghall-ahhar imsemmi rikors illi permezz taghha opponew ghat-talba relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (fol. 131) illi permezz taghha ecccepixxa:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-kawza odjerna ma gietx ipprezentata *ai termini* ta’ l-Artiklu 843, li gie rez applikabbli ghal mandati ta’ inibizzjoni bl-Artikolu 875 tal-Kap. 12 u ghalhekk il-mandat ta’ inibizzjoni in kwistjoni numru 3768/96 fl-ismijiet *Antonia Bonanno et v. Saviour Borg* m’ghandux aktar effett;

Rat id-dikjarazzjoni relativa guramentata mill-konvenut;

Rat is-sentenza *in parte* tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddikjarat illi l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri setghet tinghata “fi kwalunkwe perjodu tal-kawza u ghandha tkun ammissibbli” u, dwar il-meritu ta’ l-istess eccezzjoni, ikkonsidrat u iddecidiet hekk:
“Illi l-konvenut jibbaza s-sottomissjoni tieghu principalment fuq l-Artikolu 843(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li, kif gustament jissottometti, huwa rez applikabbili ghall-Mandati ta’ Inibizzjoni bl-Artikolu 875 ta’ l-istess Kodici. Jiswa li dan l-Artikolu 843(1) ukoll jigi kkwotat:

“L-Artikolu 843(1) jipprovdi illi:

**843**. (1) Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd fil-mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinna ta’ l-avviz ta’ l-esekuzzjoni tal-mandat lir-rikorrent jew lill-avukat jew prokuratur legali li l-firma tieghu tkun tidher fuq ir-rikors

ghall-hrug tal-mandat jew fi zmien tnax il-jum wara l-hrug tal-mandat, skond liema data tigi qabel.

“Ma jidhirx li huwa kkontestat illi l-kawza fil-fatt gietipprezentata fit-termini stipulati fl-istess Artikolu. Il-kontestazzjoni tal-konvenut però hija li l-kawza ma gietx ipprezentata ghall-konferma tal-jedd pretiz innifsu izda biss ghall-konferma tal-Mandat ta’ Inibizzjoni. Jissottometti ulterjorment illi dan mhuwiex, anke skond gurisprudenza ricenti tal-Qorti ta’ l-Appell, dak li huwa rikjest mil-ligi li trid li l-kawza proposta tkun intiza biex jigi deciz il-meritu tal-vertenza u mhux li mandat kawtelatorju jigi kkonvertit f’wiehed permanenti u dana minghajr ma jigi finalment determinat il-jedd kontestat. Il-Qorti taqbel ma’ dan l-insenjament u taqbel li hekk ghandu jkun peress illi drittijiet pretizi ma jistghux jibqghu sospizi u protetti permanentement b’mizura li hija intiza guridikament biss bhala wahda temporanja. Hemm però principju iehor li huwa daqstant legalment validu u li huwa wkoll rikonoxxut mill-gurisprudenza taghna li huwa li, sa fejn huwa possibbli, ghandu jsir kull tentattiv biex l-atti jigu salvati u mhux dikjarati nulli.

“Ezami mhux biss tal-premessi citattivi u tad-dikjarazzjoni guramentata izda wkoll tal-mod kif hija formolata t-talba attrici jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi tista’ oggettivament tinterpreta din it-talba bhala wahda ghall-konferma ta’ dritt ta’ passagg li huwa l-mertu tal-kontestazzjoni u mhux biss bhala talba semplicement ghall-konferma tal-Mandat ta’ Inibizzjoni. Din l-interpretazzjoni tal-Qorti takkwista aktar gustifikazzjoni mill-ezami tal-provi prodotti li huma kollha immirati ghall-konferma tad-dritt sostantiv u mhux ghall-konferma biss tal-mizura procedurali temporanja. L-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut ghalhekk, minkejja li legalment korrettament proponibbli, hija michuda minghajr ma l-Qorti ghandha ghalfejn tezamina ulterjorment l-Artikoli 789 u 790 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta msemmija mill-istess partijiet.

"In vista ta' din id-decizjoni parzjali l-Qorti dehrilha illi ma kellhiex tipprovdi dwar l-ispejjez f'dan l-istadju li jibqghu riservati ghall-gudizzju finali."

Rat is-sentenza tat-tletin (30) ta' April, 2003 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… prevja rigett ta' l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara u tikkonferma l-esistenza tad-dritt ta' passagg ta' l-atturi fuq l-ghalqa tal-konvenut, *ai termini* tal-kuntratt indikat fl-att tac-citazzjoni; u li fl-esercizzju ta' dan id-dritt l-atturi m'ghandhom jigu bl-ebda mod infixkla jew ostakolati mill-konvenut, la bil-bini ta' hajt u lanqas b'xi mod iehor. Tibqa' mpregudikata b'dan il-gudizzju l-materja ta' l-estensjoni ta' dan id-dritt.

"Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 3768/96, jibqghu a kariku ta' l-istess konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Kwadru tal-fatti

"Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea [*sic*] s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Marzu 1996 ppubblikat minn Nutar Dottor Joseph Lia, Saviour Borg, il-konvenut, xtara l-ghalqa li tinsab fil-kuntrada mgharufa bhala *Ta' Bellu* fis-Siggiewi, liema ghalqa tikkonfina mal-ghalqa ta' l-atturi fl-istess territorju. Illi stante li l-ghalqa ta' l-atturi m'ghandhiex access dirett ghat-trieq, l-ghalqa taghhom tgawdi dritt ta' passagg fuq l-ghalqa mixtrija mill-konvenut. Di fatti fl-imsemmi kuntratt hemm imnizzel li l-ghalqa hija '*soggetta ghal passagg bir-rigel u bil-bhima versu l-imsemmi raba ta' l-eredi ta' George Bonanno*' (fol. 57. Id-dritt ta' passagg li ghalih hija soggetta l-ghalqa tal-konvenut huwa wkoll indikat f'kuntratti precedenti relattivament ghall-istess ghalqa.

"Illi meta l-konvenut akkwista l-proprjetà tal-ghalqa huwa haffer trinka fonda bejn l-ghalqa tieghu u dik ta' l-atturi biex jibni hajt divizorju bejn iz-zewg ghelieqi, liema hajt

kellu jservi ta' lqugh ghad-diversi sigar li huwa kien hawwel fl-ghalqa tieghu.

"Illi l-atturi opponew immedjatament u rreagixxew billi talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex dana ma jkomplix jibni l-hajt b'mod li jostakolalhom l-access taghhom ghat-triq. L-atturi fl-att tac-citazzjoni sostnew li l-Qorti laqghet it-talba ghal hrug tal-mandat u osservat '*li hemm qbil li r-rikorrent ghandu l-jedd minnu vantat*'. Dan gie konfermat mill-konvenut stess, kemm fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu fejn eccepixxa li '*d-dritt ta' passagg bir-rigel fuq l-ghalqa in kwistjoni ma huwa bl-ebda mod ostakolat mill-eccipjenti*' (fol. 8); kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fejn sostna li huwa qatt ma kellu l-hsieb li jostakola dan id-dritt ta' l-atturi u qal li malli thaffer il-gandott, il-parti fejn l-atturi kellhom id-dritt ta' passagg gie mimli biex il-passagg ma jigix ostakolat (fol. 118).

"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

"Illi waqt is-smigh tax-xhieda hareg car li l-partijiet mhux qed jaqblu fuq l-estensjoni ta' din is-servitù, izjed milli fuq l-esistenza tieghu. Id-dritt ta' passagg *ut sic* jirrizulta inkontestat; izda filwaqt li l-atturi qed isostnu fix-xhieda taghhom li dan il-passagg ikopri access ghal persuna, bihma [*sic*], karettun u vettura, jidher li l-konvenut, qed isostni li l-passagg huwa biss ghall-access bir-rigel.

"Illi fl-att tac-citazzjoni l-atturi ppremettew li fuq l-ghalqa tal-konvenut '*l-atturi ghandhom access ta' passagg kif kostitwit b'kuntratt pubbliku tat-tnejn (2) ta' Mejju, elf disa mija tnejn u tletin (1932) pubblikat minn Nutar Salvatore Borg*'. Skond dan il-kuntratt, li fuqhom [*sic*] l-atturi qeghdin jibbazaw l-azzjoni odjerna, l-awtur taghhom, u cioè Salvatore Bonanno kien akkwista l-ghalqa bid-'*dritto di passaggio ed altre servitù*' (fol. 48).

"Illi huma ppremettew li bix-xogholijiet mghamula mill-konvenut, *ossia* fuq inkariku tieghu, dan id-dritt kien ser ivvjolat [*sic*] bl-ostakolar ta' l-access; u ghalhekk talbu li din il-Qorti '*tikkonferma u tawtorizza u tissana* ***dawn*** *id-*

*drittijiet*', li skond huma digà gew milqugha meta il-Qorti kienet awtorizzat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-konvenut.

"Il-Qorti tosserva li l-importanza tal-konsiderazzjonijiet indikati fil-paragrafi precedenti tirrisjedi fil-fatt li dak li jista' u li ghandu jigi deciz minn din il-Qorti huwa necessarjament marbut mal-parametri tal-premessi, mal-kawzali u **partikolarment mat-talba ta' l-atturi**. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta '*Kif inhu risaput, Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda, u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda* (Vol. XXXVI.I.269)'.

"Konformament ma' dan, il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz hija tista' tippronunzja ruhha biss dwar l-esistenza *o meno* tad-dritt ta' passagg vantat mill-istess atturi, u jekk ix-xogholijiet mghamula mill-konvenut kienux ser iwasslu ghan-negazzjoni ta' dan id-dritt. Dwar il-vertenza ta' l-estensjoni ta' dan id-dritt u cioè jekk jinkludix access bil-bhima, karettun jew *van*, il-Qorti tosserva li din ma taqax fil-parametri tat-talba attrici, u ghalhekk il-Qorti ser thalli impregudikata dan l-aspett tal-kwistjoni biex jigi deciz f'gudizzju separat jekk ikun il-kaz; altrimenti tkun qed tagixxi *ultra petita* bi pregudizzju ghad-dritt ta' smigh xieraq.

"Illi fix-xhieda tieghu il-konvenut sostna li huwa qatt ma kellu l-hsieb li jghalaq l-access ta' l-atturi mill-ghalqa ghal[l]-ghalqa taghhom u, skond ma xehed hu, malli thaffer il-kanal, dik il-parti tal-kanal gie '*mhaffer u mimli dak il-hin stess … Dak il-hin stess li ghamilna l-kanal, huma setghu jghaddu x'hin riedu, fil-fatt gew hemmhekk u ghaddew. Huma dejjem setghu jghaddu minn dak il-hin stess …*' (fol. 118, 121, 123). L-atturi minn naha taghhom sostnew li l-passag kien gie ostakolat bil-wiesa' tal-gandott. Nicola Bonanno fix-xhieda tieghu qal hekk: '*Barra l-gebel fuq l-art kien hemm il-passagg, dan il-gandott ipprojibixxa li ahna nghaddu u dan dam ghal xi gimghat twal forsi ukoll xi xahrejn u nofs jew aktar. Biex jahsab il-qamh hija kellu jitlob permess minghand numru ta' bdiewa biex jghaddi minn fuq ir-raba taghhom*' (Fol.

24). Tant kien hekk li, kif xehed l-attur Vince Bonanno a fol. 93, huma kellhom jitolbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex ma jkomplix itella' l-hajt u jghalaq il-passagg.

"Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat ta' l-inkartament u tal-verbali tad-deposizjonijiet tax-xhieda, hija tal-fehma li l-versjoni ta' l-atturi, kif delineata mix-xhud Nicola Bonanno, hija veritiera u l-Qorti thoss li ghandha tghatiha affidament. Fi kliem iehor, il-Qorti taccetta l-versjoni li l-passagg kien ostakolat ghal xi zmien minhabba l-wisa u l-fond tal-gandott, bir-rizultat li l-atturi kellhom jirrikorru ghal proceduri gudizzjarji biex il-konvenut ma jkomplix jivvjola d-dritt taghhom. Il-konsistenza da parti ta' l-atturi fix-xhieda taghhom, kif tirrizulta lil din il-Qorti mit-traskrizzjoni dattilografata, tikkontrasta manifestament mar-riluttanza li wera l-konvenut biex jirrispondi b'mod car ghad-domandi semplici, u pertinenti, li kien qed jigi mistoqsi.

"Ghaldaqstant irrizulta li l-proceduri odjerni gew provokati mill-agir abuziv tal-konvenut fil-konfront ta' l-atturi, li wassal lill-atturi ghall-htiega li dawn jirrikorru ghal-proceduri gudizzjarji biex jissalvagwardjaw u jgibu konferma <u>tad-dritt</u> taghhom ta' passagg fuq l-ghalqa tal-konvenut, liema dritt, limitatament ghall-<u>esistenza tieghu</u> jinsab accettata [*sic*] anke mill-konvenut; u ghalhekk l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni indikat fl-att tac-citazzjoni, ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

"Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu prezentata fit-3 ta' April 2003 l-konvenut, wara li rrileva li ma giex esebit fl-atti, l-mandat ta' inibizzjoni indikat mill-atturi fl-att tac-citazzjoni, sostna '*billi l-azzjoni li pproponew l-atturi hija wahda ghall-konferma u ssanar <u>tad-drittijiet kif miluqgha</u>* [*sic*] *mill-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96, l-ewwel prova kardinali li trid issir biex tirnexxi din l-azzjoni hija li jigu esebiti l-atti tal-mandat in kwistjoni* …'. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut, stante li <u>t-talba ta' l-atturi mhijex ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni</u> jew tad-drittijiet hemm indikati, imma hija ghall-konferma u sanar

tad-drittijiet kif indikati mill-atturi fil-premessi taghhom. Dan johrog car mill-fatt li l-atturi, wara li ppremettew u indikaw id-dritt perikolat, talbu li din il-Qorti '*tikkonferma u tawtorizza u tissana dawn id-drittijiet* …' (emfasi tal-Qorti), liema drittijiet jew dritt kien jifforma l-meritu tal-mandat ta' inibizzjoni minnhom indikat. Mela l-parametri tat-talba odjerna, mhumiex dawk mfassla mid-digriet li hareg in segwitu ghar-rikors ghal[l]-hrug tal-mandat, imma huma mfassla mill-premessi u mill-kawzali tac-citazzjoni.

"Referenza f'lokha f'dan ir-rigward qed ssir ghal dak li osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvediment taghha tal-25 ta' Jannar 2002 a fol. 164 tal-process: '*illi tista' oggettivament tinterpreta din it-talba bhala wahda ghall-konferma tad-dritt ta' passagg li huwa l-meritu tal-kontestazzjoni u mhux biss bhala talba semplicement ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni*'.

"Illi in vista tal-premess din is-sottomissjoni tal-konvenut hija legalment insostenibbli."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali ta' l-onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili datata 25 ta' Jannar 2002, u konsegwentement is-sentenza finali tat-30 ta' April 2003; fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza parzjali tal-25 ta' Jannar 2002, allura tirriforma s-sentenza finali tat-30 ta' April 2003 billi tikkonfermha fejn l-Ewwel Qorti ikkonfermat l-ezistenza tad-dritt ta' passagg a favur ta' l-attur u halliet impregudikata l-materja ta' l-estensjoni ta' dan id-dritt, u tirrevokha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut, u konsegwentement tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati";

Rat illi l-atturi appellati ma jirrizultax illi pprezentaw risposta ghall-appell tal-konvenut;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-konvenut appellant kontra s-sentenza *in parte* tal-25 ta' Jannar, 2002, fi kliem ir-rikors ta' appell, huwa s-segwenti (fol. 188):
"… jirrizulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx korretta dwar il-punt meritu ta' dik is-sentenza. L-Artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi r-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza **ghall-jedd imsemmi fil-mandat** fit-terminu preskritt mill-ligi. Minn ezami tac-citazzjoni odjerna, ma saret ebda talba sabiex jigi stabbilit il-jedd jew jeddijiet pretizi mill-atturi, li minflok illimitaw it-talba taghhom ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti ma hemmx wisq x'jinghad sabiex jintwera illi dan l-aggravju mhux fondat. Infatti, apparti dak illi qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza *in parte* appellata, mill-mod kif hija abbozzata l-unika talba attrici jemergi car illi l-istess talba ma hijiex ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni izda hija ghall-konferma tad-drittijiet imsemmija fl-istess mandat. Tajjeb illi, sabiex jintwetra kemm dan huwa minnu, tigi hawn riprodotta *in toto* l-istess talba (fol. 1 *tergo*):
"Tikkonferma u tawtorizza u tissana dawn id-drittijiet kif milqu[g]ha min[n] dina l-Qorti fl-14 ta' Awissu 1996 wara l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3768/96 fl-ismijiet *Antonia Bonanno u Vince Bonanno v. Saviour Borg*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

La darba l-imsemmi aggravju tal-konvenut huwa infondat, hemm lok ghall-konferma tas-sentenza *in parte*;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju tal-konvenut kontra s-sentenza fil-meritu tat-30 ta' April, 2003 huwa illi, la darba l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni ma gewx esibiti fil-kawza odjerna, it-talba attrici ma setghet qatt tintlaqa';

Il-konvenut kien già avanza dan l-aggravju tieghu quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' sottomissjoni maghmula fin-nota ta' osservazzjonijiet intavolata fit-tlieta (3) ta' April, 2003 (fol. 176 sa 179). Fis-sentenza fil-meritu l-ewwel Qorti irrespingiet din is-sottomissjoni u, fir-rigward, qalet hekk (fol. 184):
"Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu presentata fit-3 ta' April 2003 l-konvenut, wara li rrileva li ma giex esebit fl-atti, l-mandat ta' inibizzjoni indikat mill-atturi fl-att tac-citazzjoni, sostna '*billi l-azzjoni li pproponew l-atturi hija wahda ghall-konferma u ssanar <u>tad-drittijiet kif miluqgha</u>* [*sic*] *mill-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 3768/96, l-ewwel prova kardinali li trid issir biex tirnexxi din l-azzjoni hija li jigu esebiti l-atti tal-mandat in kwistjoni* …'. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut, stante li <u>t-talba ta' l-atturi mhijex ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni</u> jew tad-drittijiet hemm indikati, imma hija ghall-konferma u sanar tad-drittijiet <u>kif indikati mill-atturi fil-premessi taghhom</u>. Dan johrog car mill-fatt li l-atturi, wara li ppremettew u indikaw id-dritt perikolat, talbu li din il-Qorti '*tikkonferma u tawtorizza u tissana dawn id-drittijiet* …' (emfasi tal-Qorti), liema drittijiet jew dritt kien jifforma l-meritu tal-mandat ta' inibizzjoni minnhom indikat. Mela l-parametri tat-talba odjerna, mhumiex dawk mfassla mid-digriet li hareg in segwitu ghar-rikors ghal[l]-hrug tal-mandat, imma huma mfassla mill-premessi u mill-kawzali tac-citazzjoni.

"Referenza f'lokha f'dan ir-rigward qed ssir ghal dak li osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvediment taghha tal-25 ta' Jannar 2002 a fol. 164 tal-process: '*illi tista' oggettivament tinterpreta din it-talba bhala wahda <u>ghall-konferma tad-dritt ta' passagg</u> li huwa l-meritu tal-kontestazzjoni u mhux biss bhala talba semplicement ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni*'.

"Illi in vista tal-premess din is-sottomissjoni tal-konvenut hija legalment insostenibbli";

Dina l-Qorti <u>taqbel</u> ma' l-ewwel Qorti kwantu qalet illi "<u>t-talba ta' l-atturi mhijiex ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni</u>" - *del resto*, dan gie stabbilit fis-sentenza *in*

*parte* illi, kif già inghad, timmerita konferma - izda ma taqbilx ma' l-asserzjoni ta' l-ewwel Qorti illi "t-talba ta' l-atturi mhijiex ghall-konferma … tad-drittijiet hemm [*i.e.* fil-mandat ta' inibizzjoni] indikati". Infatti, kif jidher mit-talba attrici - riprodotta waqt illi kien qed jigi konsidrat l-aggravju kontra s-sentenza *in parte* - id-drittijiet illi l-atturi qed jippretendi illi ghandhom jigu konfermati mill-Qorti huwa dawk "kif milqu[g]ha min[n] dina l-Qorti … wara l-Mandat ta' Inibizzjoni …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

In vista ta' dak illi ghadu kemm inghad, dina l-Qorti taqbel biss parzjalment ma' l-ewwel Qorti meta qalet "imma [t-talba ta' l-atturi] hija ghall-konferma u sanar tad-drittijiet **kif indikati mill-atturi fil-premessi taghhom**". Taqbel biss parzjalment ghaliex, ghalkemm huwa veru illi t-talba attrici hija ghall-konferma ta' drittijiet illi l-atturi jaghmlu riferenza ghalihom fil-premessi ta' l-att ta' citazzjoni - ara kelma 'dawn' fit-talba attrici - fl-istess talba taghhom l-atturi ikkwalifikaw dawn id-drittijiet bhala dawk "kif milqu[g]ha minn dina l-Qorti fl-14 ta' Awissu 1996 wara l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3768/96 fl-ismijiet *Antonia Bonanno u Vince Bonanno v. Saviour Borg*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma setghet qatt tilqa' t-talba attrici minghajr ma jkollha quddiemha l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni izda kellha tichad l-istess talba minhabba insufficjenza ta' provi. Ma hemm ebda dubbju illi dawn l-atti - jew almenu kopja legali taghhom - ma jifformawx parti mill-atti processwali. F'dan ir-rigward, huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi, kif issottometta tajjeb il-konvenut fir-rikors ta' appell tieghu (fol. 191), kien jinkombi fuq l-atturi illi l-atti ta' l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni jigu esibiti fil-kawza odjerna;

Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi l-kwistjoni tan-nuqqas ta' esibizzjoni ta' l-atti ta' l-imsemmi mandat giet sollevata l-ewwel darba waqt illi l-kawza odjerna kienet ghadha fl-istadju illi l-atturi kienu qed iressqu l-provi taghhom. Infatti, waqt l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, 1999, meta l-abili

difensur tal-konvenut, l-Avukat Dottor George Abela, beda jikkonduci l-kontro-ezami tax-xhud prodott mill-atturi, il-Professur Nikol Bonanno - illum wiehed mill-atturi - inghad hekk (fol. 72):

"Dr. George Abela: Gie allegat Sur Imhallef jekk joghgbok il-Mandat?

"Qorti: Le issa naraw, f'dak il-kaz jigi allegat.

"Dr. George Abela: Mhux allegat eh";

Ghar-ragunijiet hawn moghtija l-aggravju in ezami tal-konvenut jimmerita akkoljiment u, konsegwentement, minghajr il-htiega illi jigu ezaminati l-aggravji l-ohra tal-konvenut kontra s-sentenza fil-meritu, hemm lok illi din l-ahhar imsemmija sentenza tigi revokata u illi t-talba attrici tigi michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi:
(i) tikkonferma s-sentenza *in parte* tal-25 ta' Jannar, 2002;
(ii) tirrevoka s-sentenza fil-meritu tat-30 ta' April, 2003 u, minflok, tichad it-talba attrici;

Tordna illi l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kif gej:
(i) dawk ta' l-ewwel istanza jigu sopportati mill-atturi b'eccezzjoni ta' dawk konnessi mas-sentenza *in parte* tal-25 ta' Jannar, 2002, illi ghandhom jigu sopportati mill-konvenut;
(ii) dawk ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs ($^1/_2$) mill-atturi appellati u kwantu ghal nofs ($^1/_2$) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------